# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


---

Minuti tas-seduta numru erbgħa u sittin (64) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 2 ta' Settembru, 2010, fil-6:00pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |
| | Dorianne Zammit | Uffiċċjal Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mil-Minuti**

3. Is-SE preżenta draft tal-*banner* li s-Sur Schembri talab li jitwaħħal max-xibka tal-ground li jindika 'Safi Youth Nursery'. Il-Kunsilliera issurgerixxew tibdil żgħir u approvaw il-prezz mitlub sabiex jiġi printjat dan il-*banner* fuq il-canvas.

4. Francis Callus staqsa min huwa responsabbli li jitpoġġew it-tabelli ta' no parking f'Triq il-Ħajt Ruman waqt żmien il-festa. Is-Sindku ikkonferma li hija responsabbilta tal-Kunsill li jpoġġi tabelli ta' 'No Parking' f'din it-triq mill-Ġimgħa sal-Ħadd waqt il-ġimgħa tal-festa. Francis Callus rimarka li t-tabelli li kien hemm ġew mormija minn persuna li toqod fil-viċin din it-Triq. Huwa ħa ritratti ta' din il-persuna tarmi t-tabelli ġo l-għalqa u ppreżenta kopja ta' dawn ir-ritratti fuq il-mejda tas-seduta. Huwa identifika l-persuna b'isimha u qal li lest jixhed kontra din il-persuna f'każ li titressaq quddiem il-pulizija. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qalu li lesti jagħtu s-sapport tagħhom.

5. Francis Callus qal wkoll li wara li t-tabelli ġew mormija, ġew il-pulizija flimkien ma' trakk tat-*towing* biex jirmonkaw karozza ipparkjata f'din it-triq. Kien f'dan il-mument meta huwa kellem lil persuna li kienet qed tirmonka l-karozza sabiex jispjega x'kien ġara speċjalment għaliex f'dak il-ħin ma kienx hemm sinjali fit-

triq li jindikaw 'No Parking' u b'hekk sid il-karozza kienet qed teħel multa inġustament. Il-problema aggravat meta għal xi raġuni l-argument iskala f'wieħed fiżiku u kellhom jintervjenu l-pulizija sabiex jikkalmaw is-sitwazzjoni. Francis Callus xtaq li dan jinkiteb fil-minuti sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-kunsill dwar l-aġir ta' nies konċernati.

6. Is-Sindku rrimarka li għadu ma ngħatax id-data tal-laqgħa mal-GRTU rigward il-*one way* f'Triq San Pawl.

7. Rigward il-pjanċa li ser titwaħħal quddiem il-ħanut f'Triq Santa Marija, Dorianne Zammit rrimarkat li ntalbu tliet kwotazzjonijiet però dawn għadhom ma waslux il-Kunsill minħabba li s-supplixxituri konċernati għadhom bix-*shut down*.

8. Publius Abdilla fakkar lis-Sindku biex il-Kunsill javża l-warden jagħmlu iżjed sorveljanza f'Triq iż-Żurrieq b'mod partikolari it-*trafic island* ta' quddiem il-pompa tal-petrol.

9. Jerome Busuttil rrimarka li f'Triq il-Kuċċard kien hemm ħanut ta' l-ikel u x-xorb li rama l-imwejjed barra mingħajr permess. Is-Sindku qal li huwa ġibed l-attenzjoni ta' sid il-ħanut personalment.

10. Daħal fil-Kunsill Joe Schembri, il-ħaddiem tal-Kunsill. Is-Sindku u l-Kunsilliera spjegaw fid-dettall kif għandu jaħdem l-*stands* li magħhom ser jeħlu it-tabelli informattivi mal-postijiet storiċi f'Ħal Safi.

11. Il-Kunsilliera qablu unanimament li ninnominaw lil Sur Salvino Żammit bħala l-Anzjan tas-Sena wara li Publius Abdilla jikkonferma li s-Sur Żammit għalaq il-ħamsa u sittin sena sabiex jkun eliġibbli għal din in-nomina.

**Korrispondenza**

12. Il-Kunsill irċieva l-flus mil-Gvern Ċentrali rigward il-pannelli fotovoltaċi taħt l-iskema *Enegery Saving Scheme*.

13. Il-kap ta' l-Iskola Primarja San Benedittu f'Ħal Safi talbet lil Kunsill jagħmel is-servizzi tal-*fire extinguishers* fl-iskola tagħha. Il-Kunsilliera ma qablux ma din it-talba fid-dawl li diġa saru dawk tas-sala ta' l-iskola flimkien ma dawk tal-librerija b'spejjeż tal-Kunsill.

14. Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Carmen Camilleri, il-persuna li tieħu ħsieb tnaddaf il-Kunsill. Hija talbet żieda ta' flus għas-servizzi tagħha. Il-Kunsilliera qablu unanimament li tingħata żieda ta' €50 fix-xahar. Is-SE ikkonferma li l-ammont globali mogħti lilha għas-servizz sabiex tnaddaf il-kunsill ma jkunx qabeż elfejn u tliet mitt Euro fis-sena u b'hekk ma jkunx hemm bżonn joħroġ tender għal dan is-servizz.

15. Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ bagħtu l-applikazzjoni għall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-Kunsilli Lokali taż-żgħażagħ.

16. Il-Kunsill irċieva l-lista ta' persuna fil-*pool* ta' segretarji eżekuttivi flimkien mac-CV rispettiva tal-kandidati eliġibbli mid-Dipartiment tal-Kunsilli hekk kif ġie mitlub mil-Kunsill sabiex jinħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid fuq bażi *full-time* mil-bidu tas-sena li ġejja. Is-Sindku rrimarka li qiegħed f'kuntatt ma' l-uffiċċju ta' l-Hon. Dr. Cris Said sabiex jagħtina direzzjoni.

17. Il-Kunsill irċieva mingħand il-Pulizija, sezzjoni *Drug Squad*, sabiex issir il-laqgħa annuali mal-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu li din il-laqgħa issir mill-aktar fis possibbli.

**Tender – Ġbir ta' skart u Tender tal-Knis u Bulky Refuse.**

18. Is-SE rrimarka li iltaqa' mas-Segretarju eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba sabiex flimkien jinħareġ it-tender tal-ġbir ta' l-iskart. Id-dokument tat-tender tlesta u fil-ġimgħa li ġejja ser jinħareġ l-avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern u l-Independent flimkien ma' dak tal-European Journal.

19. Is-Sindku rrimarka wkoll li s-servizz ta' knis provdut mid-Dipartiment tat-Tindif tal-Gvern ser jispiċċa f'l-aħħar ta' Settembru ta' din is-sena. B'hekk il-Kunsilliera qablu unanimament li jinħareġ wkoll it-tender tas-Servizz tal-Knis ta' Toroq.

20. Is-SE ppreżenta lista tal-fondi allokati mil-Gvern sabiex jiġi immaniġġjat l-iskart mill-Kunsill. Is-SE spjega l-impatt finanzjarju ta' dawn it-tenders ġodda b'mod partikolari kemm jista jogħla l-prezz ta' dawn is-servizzi meta mqabbla mal-prezz li jitħallas preżentement.

**Contracts manager**

21. Is-Sindku rrimarka li il-kuntratt tal-Contracts Manager issa ilu aktar minn erba' snin u hemm bżonn li jinħareġ wieħed ġdid. Dan ġibdu l-attenzjoni tiegħu l-awdituri u b'hekk huwa importanti li tinħareġ sejħa ta' l-offerti ġdida kemm jista' jkun malajr. Il-Kunsilliera qablu unanimament li jinħareġ id-dokument tat-tender kemm jista' jkun malajr.

**Affarijiet oħra**

22. Il-Kunsilliera iddiskutew il-prezz tar-riklamar li għandu jiġi mitlub sabiex isiru avviżi kummerċjali fuq il-ħarġa tal-fuljett tal-Kunsill. Huma iddeċidew li jintalbu l-prezzijiet ta' riklami simili fuq fuljetti li jinħarġu f'Ħal Safi min għaqdiet tar-raħal.

23. Dorianne Zammit ippreżentat lista ta' kotba biex jinxtraw għal-Librerija. Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu unanimament li dawn jinxtraw.

24. Is-Sindku rrimarka li is-soltu l-Kunsill jħallas lil Kenniesa pagament żgħir tax-xogħol żejjed li jkunu għamlu waqt żmien il-festa. Il-Kunsilliera approvaw unanimament pagament ta €116 liż-żewġ kenniesa kull wieħed.

25. **Il-Payment Approval** Sheet No. 56 u 57 ġew approvati.

26. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 16 ta' Settembru, 2010.

27. Il-laqgħa ntemmet fid-9:00pm.

Approvati llum 16/09/2010

Sindku Segretarju Eżekuttiv